MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

## MAGISTRAT DR.
## SCERRI HERRERA CONSUELO-PILAR LL.D.

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Numru 228/2000

**Il-Pulizija**

**Spettur Paul Camilleri**

**v**

**SIMON AGIUS**

**Seduta ta' llum, 16 ta'  Dicembru, 2002**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **SIMON AGIUS** ta' tnejn u tletin sena bin missier mhux maghruf u Maria Assunta nee Agius, imwieled Haz Zabbar nhar s-sitta ta' Dicembru, 1968 u joqghod u joqghod 3, Flt 6, Granaries Square, Floriana, detentur tal-karta tal-identita numru 2569M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fil-wiehed u tletin ta' Marzu, 2000 ghall-habta tas-siegha ta' wara nofsinhar waqt li kien fil-fond numru 152, Flat 6, Triq l-Ifran, Valletta;

1. Bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja ta' Joseph Carmel Zammit ta' tmintax il-sena minn San Gwann, f'perikolu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghal esekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu u dan billi permezz ta' strument li jaqta u bil-ponta (sikkina) ta daqqa ta' sikkina fuq mohh il-persuna tal-imsemmi Joseph Carmel Zammit;

2. Talli kkaguna feriti gravi li jgibu sfregju fili-wicc tal-istess Joseph Carmel Zammit, skond kif gie ccertifikat minn Doctor Robert Sammut MD fic-Centru tas-Sahha tal-Floriana;

3. Talli zamm u garr strument li jaqta u bil-ponta (sikkina) minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

4. Talli kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

5. Talli hebb ghall-imsemmi Joseph Carmel Zammit sabiex jinsulentah, jweggghu jew jghamillu hsara;

6. Talli qal fil-pubbliku kliem indicenti u oxxen, liema kliem kien jikkonsisti f'dagha.

Il-Qorti rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli tal-Avukat Generali datati hmistax ta' Frar, 2002 esibiti a fol 121 tal-process odjern.

Rat n-nuqqas ta' oggezzjoni da parti tal-imputat li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni w x-xhud Joseph Carmel Zammit prodott mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-Prosekuzzjoni pprovat li fil-fond 152/6, Triq l-Ifran, Valletta kien hemm glieda fejn kienet intuzat sikkina.

Il-Pulizija marret fuq il-post u sabet argument bejn l-imputat u Joseph Carmel Zammit. Joseph Carmel Zammit ittiehed fic-Centru tas-Sahha tal-Floriana ghal kura u gie ccertifikat li kellu xi feriti fuq l-forehead u bridge nose tieghu. Illi aktar tard dawn il-feriti gew deskrittti minn Doctor Dino Vella Briffa, espert nominat mill-Qorti, bhala feriti ta' natura gravi.

**Joseph Carmel Zammit xehed nhar l-ghaxra ta' April, 2000** fejn qal li dakinhar li safa midrub huwa kien ghand l-gharusa tieghu certa Romina El Ewany, w inqala incident bejn l-imputat u Aimen, li jigi hu Romina. Dak il-hin kien hemm bin l-imputat, Redeemer bil-qeghda fuq il-mejda tal-kcina u f'xi hin laqat lil Aimes b'saqajh f'wiccu. Aimen qala argument minhabba din d-daqqa ta' sieq u qal lil Redeemer li jekk jerga jghamillu hekk kien ser jwegghu. Dak il-hin l-imputat qabez fuq Aimes u qallu, b'referenza ghal ibnu, "jekk tmissu noqtlok !" Imbaghad Aimen beda jissotta lil imputat bil-borom u platti, kisser il-hgiega b'zewg platti u l-imputat Simon, hebb ghalih. Huwa mar jferraqhom. L-imputat qabad siggu, hu qabad siggu u hebbew ghal xulxin. L-imputat qabad sikkina u qallu li kien ser jirrovinalu wiccu.

Huwa ghalhekk dahal fis-salott, qabad umbrella u bdew jitghajjru, gew wicc imb'wicc, bdew jilletikaw, jaghtu bl-idejn, hu bl-umbrella u l-imputat bis-sikkina u f'daqqa w l-hin, l-imputat laqtu fuq imniehru. Huwa ma ndunax u xejjer l-umbrella.

Huwa jammetti li t-tnejn li huma bdew jitkellmu hazin.

Joseph Carmel Zammit mistoqsi in kontra ezami jekk tax, wiegeb li ma zammx lura milli jaghti bl-umbrella ghaliex l-imputat ma zammx lura milli jaghti bis-sikkina.

Rita El Ewany, Romina El Ewany, Aimen El Ewany, ilkoll xhieda okulari, ikkolloboraw x-xhieda ta' Joseph Carmel Zammit salv ghal dik il-parti fejn Joseph Carmel Zammit qal li qabad l-umbrella meta ra lil imputat b'sikkina ghaliex dawn x-xhieda jghidu li Joseph Carmel Zammit qabad l-umbrella l-ewwel imbaghad Simon hareg mill-kcina bis-

sikkina li kellu f'idejh ghaliex kien qed juzaha billi kien qed jaghmel bicca hobz .

L-imputat ma xehdtx f'dan il-proceduri ghalkemm kien irrilaxxja zewg stqarrijiet li jinsabu esibiti fl-atti markati bhala dokumenti PC 2 u PC 3 a fol 14 et seq tal-atti odjerni. Huwa jghid li Aimen beda jinbex lil ibnu z-zghir, u Joseph Carmel Zammit qabez ghal Aimen u dar ghalih, girfu fuq idejh u tefghalu siggu u laqtu f'rasu. Huwa spjiega li Joseph Carmel Zammit mar ghal umbrella waqt li huwa kien fil-kcina, Rita u Romina El Ewany ttantaw jzommu lil Joseph Carmel Zammit pero ma rnexxilhomx u fil-fatt xejjirlu daqqa biha u laqtu fuq ghonqu. Skond l-imputat Joseph Carmel Zammit beda jghajjru "mejjet bil-guh" "pufta" u li missieru ghandu l-flus biex jordmu.

L-imputat fid-difiza tieghu eccepixxa d-difiza kontemplata fl-artikolu 227(c) u cioe l-iskuzanti li l-imputat ghamel dak li ghamel taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh li minhabba fiha ma setghax iqis l-eghmil tieghu.

Din il-Qorti pero ma taqbilx. Ma hemm xejn fl-istqarrija tieghu li mqarr minimament tindika li hu u jaghti lil Joseph Carmel Zammit kien mitluf b'tali mod li ma kienx kapaci jirrealizza l-konsegwenzi t'ghemilu.

Din il-Qorti pero hija lesta li tikkoncedi li l-imputat beda jagixxi in legittima difesa izda r-reazzjoni tieghu kienet sproporzjonata, jigifieri hu hareg bl-aktar mod manifest barra mill-limiti imposti mill-bzonn. Din il-Qorti ma tistax tqis l-agir tal-imputat bhala li kien wiehed dovut ghal xi hasda jew minhabba li bezgha jew twerwer ghaliex Joseph Carmel Zammit fil-fatt kellu statura izghar u minn imkien ma jirizulta li kien tat-twerwir.

Kwantu ghal piena, il-Qorti ser tapllika l-iskuzanti kontemplat fl-artikolu 227(d) tal-Kap 9 fl-istess hin il-Qorti qed tqis l-fatt li ghandha taghti importanza ghal fatt li l-vittma hafer lil imputat tal-feriti li kkagunahlu u ghalhekk minhabba dan, bl-applikazzjoni tal-imsemmija skuzanti, il-

Qorti hi tal-fehma li l-piena li ghandha tapplika ma hiex wahda karcercarja.

**Ghaldaqstant wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-alrtikolu 218, 338(dd), 339(1)(d), 328(bb) u 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 13 u 19 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddecidi, wara li tiddikjara li qed ssib lil imputat SIMON AGIUS hati tal-akkuzi addebitati fil-konfront tieghu, li tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' erba' mitt lira maltin.**

**Oltre dan qed tpoggi lil imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin mill-lum taht is-supervizzjoni tal-Probation Officer Carmen Borg.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lill- imsemmija Probation Officer Carmen Borg.**

**Il-Qorti tordna l-konfiska tas-sikkina esibita mill-Ispettur Paul Camilleri f'dawn l-atti markata bhala dokument PC 4.**

**Ai termini tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 qed taghti l-fakulta lil imputat li jhallas il-multa inflitta fuqu llum f'rati mensili u konsekuttivi ta' erbghin lira maltin, pero fin-nuqqas li l-imputat ma jhallasx pagement wiehed, il-bilanc dovut jigi konvertit minnufih fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hames liri rimanenti.**
**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**